# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 3**

**Rikors numru 969/2011 SM**

**Noel Falzon**

**v.**

**Dexter Bianco**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell u appell incidentali minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Jannar 2015 fejn il-Qorti sabet lill-konvenut Dexter Bianco responsabbli ghall-incident tas-sewqan fil-31 ta' Ottubru 2019 fejn wegga' u sofra debilita` permanenti l-attur Noel Falzon u ikkundannatu jhallas lill-attur danni konsistenti *f'damnum emergens* u *lucrum cessans*

fis-somma ta' €16,820.64 bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 2011.

2. Minn din is-sentenza appella l-konvenut u anki l-attur permezz ta' appell incidentali.

3. L-aggravji tal-konvenut fl-appell tieghu huma s-segwenti:

i. L-ewwel Qorti naqset li taghti piz ghall-verzjoni tal-konvenut li l-attur nizzel is-seat biex jorqod u ma ntrabatx bis-seat belt. Dan wassal ghal griehi li sofra fl-incident filwaqt li l-konvenut li kellu seat belt sofra griehi hfief. Ghalhekk japplika l-principju *volenti non fit iniuria*, li jassumi aktar forza tenut kont tal-allegazzjoni tal-istess attur, michuda mill-konvenut, illi l-konvenut kien fis-sakra meta kien qed isuq. Fl-aghar ipotesi l-attur hu hati ta' kontributorjeta` ghall-incident;

ii. In kwantu ghad-danni moghtija mill-Ewwel Qorti, naqset milli tiehu kont tac-*chances and changes of life* meta qieset multiplier ta' 42 ghax l-attur kellu 19-il sena meta sofra l-incident bhallikieku kien ser jibqa' jahdem sa dik l-eta` meta lanqas kien jahdem fi zmien l-incident u kien involut f'incidenti ohra fil-frattemp. In kwantu ghad-*damnum emergens* il-konvenut isostni li hu hallas ghal imhadda specjali ghall-attur li kienet tiswa €96.09 u inoltre ghalkemm l-attur jixhed li ghandu bzonn pultruna u sodda specjali

li jiswew €1,940 la gab prova medika tal-bzonn u anqas ricevuta fiskali jew *pro forma* invoice. Inoltre fin-nota ta' sottomissjonijiet semma operazzjoni f'xaghru li tiswa €600 u li qatt ma saret prova dwarha;

iii. L-Ewwel Qorti zbaljat meta akkordat imghax fuq is-somma likwidata mid-data tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 2011 meta l-ammont mitlub kien *da liquidarsi* u ghalhekk l-imghax jibda japplika mill-mument tal-likwidazzjoni cioe d-data tas-sentenza.

4. L-attur ghamel appell incidentali wara li oppona ghall-appell tal-konvenut u ressaq is-segwenti aggravji.

i. L-ewwel Qorti meta qieset il-paga tal-attur ghal fini ta' komputazzjoni ta' danni ghat-telf futur, qieset biss il-paga minima nazzjonali fl-2009 cioe` meta sehh l-incident bla ma hadet kont ta' zidiet ghal gholi tal-hajja tul iz-zmien;

ii. L-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas ghoxrin fil-mija ghal *lump sum* payment izda skont gurisprudenza l-percentwali kellu jonqos bi tnejn fil-mija wara sentejn li tkun miexja l-kawza u tnejn fil-mija ghal kull sena sussegwenti sas-sentenza;

iii. L-ewwel Qorti zbaljat meta akkordat debilita` permanenti ta' hamsa fil-mija meta l-esperti medici tal-Qorti akkordaw komplessivament ghaxra fil-mija. Ma kellux jittiehed 'average' izda jigu maghdudin flimkien.

## Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti

5. Qabel jigu kunsidrati l-aggravji tal-partijiet jixraq li jinghata riassunt qasir tal-fatti pruvati. Jidher li l-kontendenti, zewg guvintur ta' ghoxrin sena kienu hbieb, u fid-data tal-incident 31 ta' Ottubru 2009 kienu qeghdin Bugibba u f'xi t-tlieta ta' filghodu nizlu Paceville u f'xi l-hamsa ta' filghodu iddejqu u regghu iddecidew li jmorru lura Bugibba. *Ex admissis* l-attur kien xorob mill-anqas xi sitt flixken birra. Hu jghid li l-konvenut kien xorob bhalu. Il-konvenut kien qed isuq il-*Mini Cooper* involuta fl-incident. L-attur kien passiggier fis-*seat* ta' quddiem. Il-konvenut waqaf jimla l-petrol minn pompa ghax il-vettura kienet kwazi bla petrol pero` l-pompa ma haditx il-flus li ipprova jaghtilha u ghalhekk iddecieda li jkompli jsuq. Skont il-konvenut l-attur ma kienx ghadu raqad dak il-hin pero` regga' s-*seat* lura biex jistrieh. Meta waslu s-Salina, il-magna ntfiet ghax ma kellhiex karburant bil-konsegwenza li l-i*steering wheel* ibbies u l-*brakes* ma hadmux, tilef il-kontroll u baqa' diehel f'hajt. Hu garrab griehi hfief pero` l-attur garrab griehi gravi. Fil-hin tal-incident l-attur kien rieqed fis-*seat*.

## L-appell tal-konvenut

6. L-ewwel aggravju tal-konvenut hu maqsum fi tnejn cioe` li l-attur kellu jerfa' l-konsegwenzi kollha tal-incident ghax kien rieqed f'karozza bis-*seat* '*reclining'* u bla ma kien liebes *seat belt* u fl-aghar ipotesi kellu jsofri parti mill-htija ghal kontributorjeta` ghal hsara sofferta jekk il-konvenut jitqies in parti responsabbli. Din il-Qorti tqis illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident ghal zewg ragunijiet: l-ewwel ghaliex kien ilu lejl shih barra, kien xurban ghalkemm ma hemmx prova li kien fis-sakra u dawn il-fatturi zgur naqqsulu l-kapacita` tieghu li jirregola l-azzjonijiet tieghu nkluz il-mod ta' sewqan. Fit-tieni lok hu kien konsapevoli meta mar jimla l-petrol li l-vettura kienet nieqsa mill-petrol u wara li ma rnexxilux jimla, xorta ha r-riskju car u ovvju li jsuq distanza mhux zghira sa Bugibba b'karozza bla petrol b'dak kollu li jista' jigri u li fil-fatt gara meta l-makna intfiet f'nofs triq f'liwja. Dawn il-fatti wahedhom jitfghu htija ghal konsegwenza fuq il-konvenut. Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut illi l-attur accetta riskju tal-hsara li dahal ghaliha u b'hekk irid jirrispondi ghal konsegwenzi kollha. Jirrizulta illi kien ghajjien u ma hemmx prova cara illi l-konvenut qal lill-attur li l-karozza kienet niexfa mill-karburant u r-riskju u l-periklu li dan seta' jikkaguna. Fil-fatt lanqas jirrizulta b'mod car jekk l-attur kienx gia rieqed meta l-konvenut mar jimla l-petrol. L-argument tal-konvenut li l-attur kellu jgorr ir-responsabilita` tal-hsara tieghu la darba sostna li l-konvenut kien fis-sakra u xorta rikeb mieghu ma jreggix ghax ma hemmx prova li l-konvenut kien fis-sakra. L-unika prova hi li kien xurban u li l-kontendenti ghamlu lejl barra. Dawn il-fatturi wahedhom, fil-

fehma tal-Qorti, ma jitfghux ir-responsabilita` kollha tal-hsara li sofra l-attur fuqu biss.

7. Madankollu l-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti meta ma sabet ebda kontributorjeta` da parti tal-attur. L-ewwel Qorti qieset li l-attur kien liebes is-seat belt. Pero` din il-konsiderazzjoni ttiehdet mir-rapporti tal-periti medici meta raw lill-attur ghal fini ta' komputazzjoni ta' dizabilita`. Invece dak li ghokor ghajnejn din il-Qorti hu illi tenut kont tal-allegazzjoni cara u inekwivoka tal-konvenut li l-attur kien bla *seat belt* u bis-*seat belt* tal-passiggier mixhut lura u minkejja din l-allegazzjoni l-istess attur baqa' sieket. L-attur ma jirribattix din l-allegazzjoni imkien, la fl-affidavit, la f'kontroezami u f'ebda parti ohra tal-atti. Din kienet allegazzjoni li saret *a tempo vergine* u tirrizulta mill-istess *case summary* tal-isptar meta gie *discharged* l-attur fil-21 ta' Dicembru 2009, fejn kien imnizzel fl-ewwel linja tar-rapport '*Patient was sleeping in passenger seat allegedly unrestrained*'. Jammetti pero` li kien rieqed meta sehh l-incident. Din il-Qorti hi propensa li taghti kredibilita` lix-xiehda tal-konvenut dwar dan il-fatt importanti ghas-sejbien ta' htija ghall-hsara sofferta mill-attur. Il-Qorti mhix qed takkorda hawn f'din ic-cirkostanza responsabilita` lill-attur ghall-incident izda responsabilita` ghall-hsara li in parti giet sofferta mill-attur minhabba t-traskuragini u negligenza tieghu li juza '*safety measure*' biex jipprevjeni jew jimmitiga hsara li tista' tigrilu. Fis-sentenza fl-ismijiet **Alan Busuttil et v. Raymond Farrugia**, (PA 04/10/2011), il-Qorti qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili li jittratta l-htija kontributorja jipprovdi li din issehh "Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara …". Fil-fehma tal-qorti dan il-kliem juri li jista' jkollok kaz li ghalkemm vittma ma tkunx hatja tal-incident, il-qorti xorta tista' ssib li l-vittma ghandha htija fil-kawza tad-danni. Dan ifisser li ghal finijiet ta' htija kontributorja m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda ssuq taht l-effett ta' kwantita` sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza."

8. Din il-Qorti tqis li f'dan il-kaz l-attur ghandu jbati parti mill-hsara sofferta kawza tal-incident u tqis bhala gust li jbati kwart mill-hsara sofferta.

9. Ghalhekk qed jintlaqa' l-ewwel aggravju f'dan is-sens.

**It-tieni aggravju**

10. Dan l-aggravju hu wkoll maqsum f'partijiet. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant rigward ic-*chances and changes of life* kif sottomess minnu. Il-*multiplier* ghalkemm ghandu jiehu kont tac-*chances and changes of life* pero` ghandu wkoll jigi kunsidrat li fil-komputazzjoni tad-danni jkun hemm reintegrazzjoni tal-persuna li garrbet il-hsara ghal qaghda li kienet qabel l-incident. F'dan il-kaz partikolari l-*multiplier* ittiehed ghal persuna li fin-normalita` tal-hajja jibqa' jahdem mill-

anqas sa 61 sena. Ma ngiebet ebda prova li l-attur ma ghandux dik il-possibilta`. Id-danni li sofra ma humiex tali li gie muri li l-hajja tieghu mhix ser tkun wahda normali sal-eta` tal-irtirar li maz-zmien dejjem qed tizdied. In kwantu ghall-fatt li meta sehh l-incident ma kienx jahdem, dan ma jfissirx li mhux ser jahdem u kif isehh f'dawn il-kazijiet il-Qorti tibbaza ruhha fuq il-*minimum wage*. In kwantu ghal incidenti ohra msemmija mill-appellant u dokumenti fl-atti, ebda wiehed minnhom ma ghandu ebda rabta mad-dannu fiziku soffert mill-attur fl-incident tant li sehhew wara u *di piu* ma ngabitx prova ta' konnessjoni mal-hsara sofferta fl-incident mertu ta' din il-kawza jew il-kejl ta' dizabilita` akkordat mill-esperti medici.

11. In kwantu ghall-partiti specifici ta' danni din il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-konvenut jghid li hallas lill-omm l-attur ghall-imhadda li tiswa €96.09 ma gab ebda prova dwar dan. In kwantu ghal pultruna u sodda, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li ma saret ebda prova dwar il-valur taghhom tant li hemm zewg *invoices* a rigward a fol. 66 u 67 tal-process. In kwantu ghas-sodda u l-pultruna, l-attur talab fil-mori tal-appell li jressaq ir-ricevuta ghax-xiri ta' dawn l-oggetti liema talba ntlaqghet. Ghalkemm ma jirrizultax mir-rapport tal-esperti medici tal-bzonn ta' dawn l-oggetti, pero` din il-Qorti tqis li d-dizabilita` kawzata fl-ghonq tal-attur ser tirrendi l-movimenti tieghu aktar tqal mal-moghdija taz-zmien meta l-gisem ma jibqax aktar ta' zaghzugh u ghalhekk tqis li dawn iz-zewg oggetti huma necessarji biex irendu hajjet l-attur inqas skomda mat-trapass taz-zmien.

12. In kwantu ghall-operazzjoni fix-xaghar li tiswa €600, mhux minnu dak li jghid il-konvenut li din ma ssemmiet qatt. Semmiha kemm Dr Briffa, espert mediku *ex parte* tal-attur fir-rapport tieghu tal-11 ta' Marzu 2011 (fol. 50 et seq. tal-process) u semmiha wkoll Dr Charles Swain, espert mediku tal-Qorti li qies li jekk l-attur ikollu x-xaghar dan jghatti c-cikatrici u ma ghandux bzonn intervent kirurgiku. Zied pero` li kienet tidher ghax f'dak iz-zmien l-attur kien iqaxxar xaghru. Din l-Qorti pero` tqis illi jekk l-attur kien izomm xaghru mqaxxra ma ghandux jigi mcahhad minn dan biex ighatti cikatrici. Wara kollox il-principju regolatur ghandu jkun kemm jista' jkun ir-*restitutio in integrum*. Din l-operazzjoni taghti dak il-konfort relattiv lill-attur u ma ghandux jigi mcahhad minnu.

13. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

14. Dan l-aggravju jisthoqqlu jigi milqugh. L-Ewwel Qorti kienet skorretta meta akkordat l-imghax fuq somma mhux likwidata minn data anterjuri ghal-likwidazzjoni taghha. Din hi l-gurisprudenza konsistenti skont il-massima '*in illiquidatis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatior differatur*'.

**L-appell incidentali**

**L-ewwel aggravju**

15. Hu minnu kif jissottometti l-attur illi meta qieset il-qliegh ghal fini ta' komputazzjoni ta' qligh futur, l-ewwel Qorti waqfet biss mal-paga minima fl-2009 bla ma qieset li tul iz-zmien mehud bhala *multiplier* il-paga ser tkompli tizdied. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut fir-risposta ghal dan l-aggravju fejn issottometta li fin-nota ta' sottomissjonijiet ma ntalbitx din il-komputazzjoni. Il-Qorti tara dak li ntalab fil-kawza cioe` fil-premessi u t-talbiet li bl-ebda mod ma jillimitaw lil din il-Qorti fil-komputazzjoni aktar ekwa kif sollevata f'dan l-aggravju. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-paga minima nazzjonali fis-sena 2009 ta' €7,616 ghandha tizdied biex tirrifletti l-*multiplier* ta' 42 sena u tqis li l-paga ghal dan il-fini ghandha tittiehed bhala €9,000 fis-sena; u l-aggravju qed jintlaqa' u d-danni ghal *lucrum cessans* komputati kif gej, cioe` €9,000 x 42 x 5% = €18,900 – 20% = €15,120. Billi l-attur irid igorr kwart mir-responsabilita` l-ammont ta' danni ghal *lucrum cessans* irid jonqos ghal €11,340. Bl-istess mod irid jonqos id-*damnum emergens* akkordat mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €3,576.59 li jonqos ghal €2,682.44, komplessivament €14,022.44.

**It-tieni aggravju**

16. L-attur isostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas l-ghoxrin fil-mija ghal lump sum payment izda tnejn fil-mija wara sentejn mill-bidu tal-proceduri u tnejn fil-mija tul il-kawza skont gurisprudenza kwotata minnu, fosthom **Paul Xuereb noe v. Emanuel Xuereb pen**, (05/10/1995). Bl-argument tal-attur it-tnaqqis tal-ghoxrin fil-mija japplika billi ghaddew hdax-il sena mill-ftuh tal-kawza.

17. Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

18. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Il-Qrati dejjem sostnew il-principju tal-*weighted average* meta hemm percentwali ta' dizabilita` differenti naxxenti minn diversi griehi subiti mid-danneggat. *Di piu* l-istess esperti medici tal-Qorti senjatament ir-rapport ta' Dr Charles Swain a fol. 89 et seq. tal-process jippreciza illi tenut kont taz-zewg rapport medici cioe` tieghu u ta' Dr Massimo Abela bl-adezjoni tal-istess Dr Abela d-dizabilita intiera permanenti subita mill-attur kellha tkun ta' hamsa fil-mija. L-esperti innifishom applikaw il-principju tal-*weighted average* u din il-Qorti ma tqisx li ghandha tintrometti ruhha bla raguni valida mill-konkluzjoni esperta raggunta mill-esperti tal-Qorti.

**Decide**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel u t-tielet aggravju tal-appell tal-konvenut u tichad it-tieni aggravju, u qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-attur u tichad it-tieni u t-tielet aggravju, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tiddikjara lill-konvenut Dexter Bianco responsabbli ghal tlett kwarti mill-hsara subita mill-attur, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, u tnejn u ghoxrin Ewro u erbgha w erbghin centezmu (€14,022.44) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur, bl-imghax jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjez jinqasmu tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr